Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS- SITTAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 8 ta' Jannar 2013

**Ħin:** Mill-5.15pm sat-7.45pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħmistax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħmistax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Diċembru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Is-Segretarju talab lill-Kunsill biex jiġu emendati l-minuti tal-Erbatax-il laqgħa tal-Kunsill *Item 7* Kwotazzjoni ERDF 205/10/12- "*Installation of a Marble Plaque with Bronze lettering*" fejn il-PPCD talbu li kellha ssir referenza għal Grant Agreement fejn hemm speċifikat li l-plakka trid tkun magħmula mill-irħam u għalhekk għanda tinqara *"..... qed jirriskja li l-flus ma jingħatawx mill-fondi tal-ewropa għaliex skond il-Grant Agreement ffirmat bejn il-Kunsill u l-PPCD hemm speċifikat li l-plakka trid tkun magħmula mill-irħam"*. Il-Kunsill approva din l-emenda.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li fil-kwistjoni tal-problema tal-parking quddiem l-iskola Stella Maris ser ssir laqgħa bejn il-Kunsill, l-iskola u Transport Malta nhar is-16 ta' Jannar 2013 fejn ser tiġi diskusssa din il-materja u tipprova tinstab soluzzjoni.

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fuq l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-Kunsill u l-Viċi Sindku ntbgħatet kopja lill-Ispettur tal-Għassa għall-informazzjoni tiegħu.

## 3. **Korrispondenza**

Is-Sur D. Zammit Marmara ressaq talba mis-sidien tal-forn Rojolin Bakery biex issir parking bay loading/unloading għalihom faċċata tal-forn. Il-Kunsill qabel in prinċipju pero' din għandha tkun għad-disposizzjoni tal-istabilimenti kollha f'dawk l-inħawi. Għalhekk għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta għal dan il-għan.

Ittra mingħand il-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba għad-Devoluzzjoni tal-art f' Wesgħa Ġużè Aquilina ġiet miċħuda.

Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn informa lill-Kunsill li ser jiddiskuti l-materja rigward ir-rekwiżizzjoni tal-fond minn fejn jopera l-Kunsill ma' l-awtoritajiet konċernati.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. **Rapport dwar l-Ilmenti**

Irċevejna ilment fejn qed tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn hemm bżonn isir infurzar fi Triq Papa Alessandru VII fejn avolja tpoġġew it-tabelli tat-*timed parking* dawn mhux qegħdin jiġu osservati. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex isir infurzar mill-Wardens.

Ilment mingħand resident fejn fi Triq l-Annunzjata waqt il-ħinijiet tal-quddies is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu qed isir parking bl-addoċċ b'mod li jostakola l-aċċess għall-garaxxijiet tar-residenti. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex tiġi avżata l-Għassa tal-Pulizija biex isir infurzar.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew kunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. **Rekwiżizzjoni tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali u Devoluzzjoni f'Wesgħa Profs. Aquilina**

Is-Sindju beda biex irrefera għall-ittri li rċevejna mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn infurmana li l-ittra li ntbgħatet lilu mill-Kunsill datata 27 ta' Diċembru 2012 rigward ir-rekwiżizzjoni qed tingħata l-attenzjoni meħtieġa u ser jiddiskuti ma' l-awtoritajjiet konċernati.

L-ittra l-oħra tirreferi għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-*Joint Office* fil-konfront tat-talba tal-Kunsill biex tiġi devoluta l-art f'Wesgħa Profs Aquilina biex bi sħab mas-settur privat jinbena Ċentru Ċiviku u bini privat. Il-Joint Office infurmawna li qed jiċħdu t-talba tagħna għar-raġuni li t-talba tal-Kunsill kienet ta' natura kummerċjali u l-valur tal-art in kwestjoni hija għolja.

Fuq id-deċiżjoni tal-*Joint Office* is-Sindku ma jistax jara' kif tista' tiġi aċċettata r-raġuni li ngħatat meta fl-ebda ħin sa minn meta saret din it-talba fl-1997, il-Kunsill qatt ma rċieva ebda komunikazzjoni fejn il-Joint Office infurmana bil-valur tal-art u għalhekk ġie deċiż mill-Kunsill li għandna nerġgħu niktbu lura lid-Dipartiment tal-*Joint Office* fejn ninfurmawħ li l-Kunsill ma jistax jifhem kif il-proposta ġiet miċħuda meta lanqas biss ġie infurmat bil-valur tal-art għal kunsiderazzjoni tiegħu.

Is- Sindku għadda biex jitkellem fuq il-problema li ġie ffaċċjat il-Kunsill biex isib post alternattiv minn fejn ikun jista' jopera l-Uffiċċju tal-Kunsill.

Minħabba li fi żmien sitt xhur il-Kunsill irid joħroġ mill-fond preżenti, il-Kunsill temporanjament irid jikri post alternattiv għaliex biex wieħed isib propjeta' adattata li tinxtara, l-liġi tal-Kunsilli Lokali tgħid li biex wieħed jissellef mill-bank jekk il-pagamemti mensili jaqbżu t-tmien snin, irid isir referendum fost ir-residenti ta' Ħal Balzan.

Problema oħra hi li propjetajiet lesti ta' din ix-xorta huma limitati u għalhekk dan jieħu ż-żmien biex tinstab propjetà li tkun tista' tiġi konvertita f'post adattat għal Kunsill.

Għalhekk huwa kien qed jipproponi li għandha toħroġ sejħa ta' *Expression of Interest* għal kiri ta' uffiċċju temporanju fuq perjodu ta' sentejn sakemm jinstab post adekwat minn fejn jkun jista' jopera dan l-uffiċċju.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinbeda dan il-proċess.

## 6. Tender BLC 1/12- "Servizzi ta' Handyman mal-Kunsill"-Evalwazzjoni u aġġudikazzjoni

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta li saret mis-Sur Mario Cini peress li din kient l-aħjar offerta għas-somma ta' €11,800 fis-sena. L-offerti l-oħra li ntefgħu kienu tas-Sur Andrea Genovese għas-somma ta' €30,420 u tas-Sur Joseph Tabone għas-somma ta' €10,500. Dan tal-aħħar l-offerta tiegħu kellha tiġi mwaqqa' peress li ma ssottomettix il-*bid bond guarantee* skont kif mitluba fit-Tender.

## 7. Paġna tal-Facebook- Kunsill Lokali Ħal Balzan

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara fuq suġġeriment tas-Sur Daniel Muscat, President tas- Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata talab li l-Kunsill għandu jibda' jkollu paġna tal-Facebook biex jagħmilha aktar faċli għar-residenti li jikkomunikaw mal-Kunsill Lokali fejn ikunu anke jistgħu jagħmlu uploading ta' ritratti ta' sitwazzjonijiet problematiċi fil-lokalità.

Is- Sindku qal li fil-prinċipju jaqbel però jrid ikollok lil xi ħadd li jieħu ħsieb din il-paġna kontinwament u jirrispondi għal kull ilment jew suġġeriment li jista' jsir. Żgur li la l-uffiċċju, kif ukoll il-Kunsilliera ma għandhom ħin biex jagħmlu dan. Is-Sur Zammit Marmara tenna li ta' spiss xi residenti jaqbdu u jiktbu xi kummenti li jagħmlu ħsara lill-Kunsill.

Is-Sindku semma li l-Kunsill dalwaqt ser ikollu l-website ġdid tiegħu fejn ser ikun informattiv kif ukoll wieħed jista' jwassal l-ilmenti u s-suġġerimenti tiegħu u tingħata l-attenzjoni meħtieġa. Għalhekk minħabba dawn iċ-ċirkostanzi li ssemmew hawn fuq dan is-suġġeriment ma jistax jintlaqa' għalissa.

## 8. Estimi Finanzjarji 2013

L-estimi draft għas-sena finanzjarja 2013 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuża). Kopja ngħatat lil kull kunsillier.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-allokazzjoni għall-ewwel erba' xhur li jammontaw għal €85,035 fejn jekk wieħed jagħmel il-kalkoli fuq sena sħiħa prattikament wieħed jista' jipproġetta stima fuq tas-sena 2012. Hawnhekk is-Segretarju avża li l-Kunsill irid jaħseb għal spejjeż addizzjonali li jirrigwardaw il-kiri ta' post alternattiv għal uffiċċji tal-Kunsill kif ukoll il-*leasing* ta' vann biex jintuża għal skopijiet ta' manutenzjoni tat-toroq.

Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera fejn fosthom il-kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara semma li meta wieħed jara dawn l-estimi jidher li ser ikun hemm problema biex jigu organizzati attivitajiet kulturali u soċjali fosthom 'Jum Ħal Balzan' fejn kellu talba mill-Każin San Gabriel biex dan il-jum isir fuq skala akbar bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet mużikali u mhux kif sar is-sena ta' qabel.

Is-Sindku tenna li l-Kunsill għandu jara x'inhuma l-prijoritajiet u wieħed jipprova jsib bilanċ. Huwa fakkar li bħala Kunsill ġejna ffaċċjati bi spejjeż li ma konniex qed nistennew. Huwa kien qed jirreferi għal kiri ta' post kummerċjali li jirrikjedi ammont sostanzjali ta' fondi tal-Kunsill. Semma wkoll li jrid jinxtara vann biex jintuża għal skopijiet ta' manutenzjoni tat-toroq, ħaġa essenzjali jekk irridu nkomplu ntejbu u nieħdu ħsieb il-lokalita'.

Żgur li dawn il-prijoritajiet jippreċedu dawn l-affarijiet. B'daqshekk ma jfissirx li dawn l-attivitajiet ma

jiġux organiżżati, imma jsiru fuq kemm jippermettu l-finanzi tal-Kunsill u kemm lesti jagħtu kontribut volontarju l-għaqdiet tal-lokalita'.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jirrevedi u jiġu emendati dawn l-istimi fejn dan jippermetti u jippreżenta kopja ġdida tal-estimi fil-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**9. Bonus Annwali- Segretarju Eżekuttiv u Skrivani tal-Kunsill**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2012 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 tal-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 tal-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2012 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingaħta performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

**10. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li saret bejn l-Kunsill u Camray Ltd, il-Perit tal-Kunsill u Project Administrator fuq il-fażi li jmiss tax-xogħolijiet fuq il-Proġett tat-tisbieħ tal-Pjazza. Huwa nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq din il-fażi ser jibdew nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar 2013.

Is- Sindku poġġa fuq il-mejda kopja ta' kuntratt għal ġbir ta' skart separat kull nhar ta' Tlieta mill-kumpanija GreenPak Ltd. Is- Sindku qal li fis-snin ta' qabel il-kumpanija GreenPak dejjem tagħtna servizz mill-aħjar u għalhekk jidhirlu li għandna inkomplu bil-kooperazzjoni magħhom.

Il-Kunsill approva li jiġi ffirmat dan il-kuntratt.

**11. Approvazzjoni biex isir il-ħlas**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sat-8 ta' Jannar 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 8034.84

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Il-Kunsill approva li jġedded il-ftehim li għandu mal- GreenPak għal-sena oħra sal-21 ta' Jannar 2014.

**12. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sur S. Gatt tkellem fuq il-laqgħa li għanda ssir mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u talab lis-Segretarju biex jiffissa data għal meta ser issir din il-laqgħa

Is-Sur S.Gatt talab lis-Segretarju biex jingħata kopja ta' email li rċieva 'l-Kunsill mill-MEPA fuq il-permess taċ-ċimiterju li ser isir fl-area bejn H'Attard u r-Rabat biex ikun preżenti għal din il-laqgħa. Miegħu ser jattendi il-Kunsillier s-Sur G. Borg.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Jannar 2013 fil-5pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data